

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ottubru 2011

dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fl-Bħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku

(2012/130/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, b'rabta mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transzjonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

- (4) Fis-17 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex, fisem il-Komunità, tinnegozja Konvenzjoni dwar Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) fin-Nofsinhar tal-Paċifiku għar-riżorsi tas-sajd li għadhom mhumiex koperti b'RMFO eżistenti.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

- (5) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess f'Auckland, New Zealand, fl-14 ta' Novembru 2009 permezz tal-adozzjoni ta' abbozz ta' test tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fl-Bħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni"), li, taħt l-Artikolu 36(1) tagħha, hija miftuħa għall-iffirmar għal perjodu ta' 12-il xahar mill-1 ta' Frar 2010. Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata fisem l-Unjoni fis-26 ta' Lulju 2010, suġġett għall-konklużjoni tagħha, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/189/UE ⁽⁴⁾.

Billi:

- (1) L-Unjoni hija kompetenti li tadotta miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-politika komuni tas-sajd u li tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE ⁽²⁾, l-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, li teżiġi li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkoo-peraw fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE ⁽³⁾, l-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet

- (6) L-għan tal-Konvenzjoni hu li, permezz tal-implimentazzjoni effettiva tagħha, tiżgura konservazzjoni u użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni.
- (7) Ladarba l-bastimenti li jtajru l-bandieri tal-Istati Membri tal-Unjoni jistadu għal riżorsi fiż-żona tal-Konvenzjoni, huwa fl-interess tal-Unjoni li taqdi rwol effikaċi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

⁽¹⁾ Il-kunsens tat-13 ta' Settembru 2011 (għadu mhux ippubblikat fl-Ġurnal Uffiċjali)

⁽²⁾ ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.

(8) Il-Konvenzjoni għandha għalhekk tiġi approvata,

⁽⁴⁾ ĠU L 81, 29.3.2011, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Zealand li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala Depożitarju tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 36(3) tal-Konvenzjoni ⁽¹⁾.

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd fin-Nofsinar tal-Oċean Paċifiku (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni") hija b'dan approvata fisem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

It-test tal-Konvenzjoni huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2011.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li, fisem l-Unjoni, jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni mal-Gvern ta' New

Għall-Kunsill

Il-President

J. FEDAK

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni se tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.